# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 275/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Maurice Curmi)

vs

**Aldo Muscat**

iben Albert , imwieled H'Attard, fl-14 ta' Gunju, 1972, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 255872(M)

Illum, 15 ta' Lulju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Aldo Muscat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar it-22 ta' April, 2014 għal ħabta tal-21:45 hrs bħala l-persuna responsabbli mill-ġestjoni tal-istabbiliment bl-isem ta' Ziggies Bar, li jinsab fi Triq il-Kaħli, San Pawl il-Baħar:

1) Ingombra il-bankina tal-imsemmija triq bi tliet (3) bankijiet mingħajr permess mill-awtorità kompetenti;

2) Sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan skont sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr. Charmaine Galea LL.D. nhar it-13 ta' Marzu, 2014.

Il-prosekuzzjoni tablet li f'każ ta' ħtija l-imputat jiġi trattat bħala reċidiv u tħassar il-liċenzja jew tordna li l-liċenzja tal-imsemmi ħanut tiġi miżmuma għal dak iż-żmien li jidhrilha xierqa jew inkella tissospendi għal xi żmien fid-deskrizzjoni tagħha (art. 320 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta u l-art. 20 Kap 441 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Gunju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 15(1) tal-Avviz Legali 128 ta' l-2002, sabet lill-imputat hati tal-ewwel akkuza u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' elf, mija u hamsa u sittin ewro (€1165) filwaqt li ma sabitux hati tar-recidiva u illiberatu mill-istess akkuza.

Il-Qorti astjeniet milli tieghu l-provvedimenti ai termini tal-Kapiolu 320 u tal-Kapitolu 441 kif mitlub mill-Prosekuzzjoni stante li ma ratx li hu l-kaz li taghmel hekk.

Rat ir-rikors tal-appellant Aldo Muscat ipprezentat fl-1 ta' Lulju, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija [Spettur Joseph Busuttil] v. Aldo Muscat* tat-23 ta' Ġunju 2014 billi
i) filwaqt li tikkonfermaha in kwantu lliberat lill-imputat mit-tieni akkuża u in kwantu ma ħaditx konjizzjoni tat-talba għas-sospensjoni tal-liċenżja;
ii) tħassarha in kwantu sabet ħtija tal-imputat fir-rigward tal-ewwel akkuża u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena.
Fin-nuqqas li tintlaqa' l-ewwel talba, u dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma s-sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-ewwel akkuża, l-appellant jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex f'dak il-każ, jogħġobha tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannatu jħallas multa ta' elf mija u ħamsa u sittin euro (€1165) u konsegwentement tipprovdi għal piena li tkun konformi mal-liġi u li tkun idoneja fiċ-ċirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1) Illi fl-ewwel lok, jiġi umilment sottomess illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fis-sejbien ta' ħtija tagħha u dana stante li l-akkuża hekk kif inkwadrata bħala "ingumbrar ta' bankina" qatt ma setgħet tirriżulta fid-dawl tal-provi prodotti.

Illi l-liġi li tirregola l-ingumbrar ta' postijiet pubbliċi hija proprju l-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.13 – Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru (Avviż Legali 94 tal-1997) hekk kif emendat li fir-regolament 3(1) tiegħu jistabbilixxi li:

"3(1) Il-Kummissarju jew l-Awtorità jew il-Kunsill jista' jneħħi, jaħżen u jiddisponi minn kull oġġett ta' ingombru li jkun qiegħed joħloq xi diżordni, inkonvenjent jew ostaklu u li jkun qiegħed f'post jew f'area li ma jkunux permessi skond il-liġi li jintużaw għal dak l-iskop".

Kif ukoll r-Regolament 11 li jistabbilixxi x'inhi l-piena addizzjonali li tista' tiġi kkominnata. (Ara per eżempju deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per Mag. Dr. Audrey Demicoli (340/2003) tal-21 ta' Ottubru 2010, fejn l-imputat *inter alia* kien ġie akkużat li ingombra bankina bi qsari ai termini tal-A.L 65.13 u di fatti instab ħati tal-istess fatt ai termini tal-istess Regolamenti).

Illi in vista tal-fatt li l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar esprima l-approvazzjoni tiegħu għat-tliet bankijiet in kwistjoni, kif ukoll il-Kummissarju tal-Artijiet tramite r-rappreżentant tiegħu s-Sur Martin Bajada qal in kontro-eżami li d-Dipartiment tal-Artijiet ma kien ħa l-ebda passi kontra l-intimat u lanqas istiga xi proċeduri kriminali rigward dawn it-tliet bankijiet, l-akkuża hekk kif dedotta fl-ewwel imputazzjoni qatt ma setgħet tirriżulta ppruvata.

Illi in oltre, lanqas irriżulta li l-MEPA (li qed tipproċessa l-applikazzjoni de quo) u lanqas l-Awtorità tat-Turiżmu (tramite ir-rappreżentant tagħha l-PL Quentin Tanti) ma istigaw xi proċeduri kriminali fil-konfront tal-esponenti u għalhekk jiġi sottomess li l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setgħet issib ħtija.

Illi di più, bħala stat ta' fatt il-prosekuzzjoni naqset b'mod lampanti milli tipprova kif il-bankijiet *de quo* qegħdin jingumbraw il-bankina. Di fatti u għal kuntrarju tal-akkuża li biha l-appellant

safa' rinfaċċjat, it-tliet bankijiet de quo qegħdin fuq estensjoni tal-bankina li kienet saret appożitament mill-awtoritajiet u għalhekk hemm l-aċċess liberu għall-*pedestrians* minn fuq il-bankina de quo. Infatti proprju quddiem l-istabbiliment tal-esponenti il-bankina titwessa b'tali mod li dawn il-bankijiet jitqiegħdu fuq l-estensjoni sabiex effettivament il-wisa' tal-bankina kif qegħda tul it-triq ma tiġix mittiefsa u l-*pedestrians* jistgħu jgħaddu bl-ikbar faċilità fuq il-bankina bejn l-entratura tal-ħanut tal-esponenti u l-parti miżjuda fejn qegħdin dawn il-bankijiet. Dan huwa rikonoxxut anke fl-ittra li rrilaxxa l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar, fejn qal li huwa ma għandux oġġezzjoni għal dawn il-bankijiet purche' jinżamm l-aċċess liberu għal min ikun irid igħaddi minn fuq din il-bankina.

Irriżulta wkoll li dawn il-bankijiet kien ilhom hemm żmien twil u kienu diġa' qegħdin hemm meta l-esponenti xtara l-istabbiliment de quo madwar seba' snin ilu u tul dan iż-żmien kollu ħadd ma qajjem l-ebda kwistjoni fuqhom. Ċertament li kieku kienu qegħdin verament jingumbraw il-bankina ma kienux ser igħaddu dawn is-snin kollha qabel tittieħed azzjoni.

<u>2) Piena</u>

Illi mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, il-piena komminnata u senjatament multa ta' elf mija u ħamsa u sittin euro (€1165) hija ben oltre l-piena kontemplata fil-liġi. Illi l-Att li in forza tiegħu ħarġet il-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.13, jistabbilixxi fit-Tieni Skeda tiegħu li f'każ ta' ostakolu (ossija kif inhi inkwadrata l-ewwel akkuża, il-piena hija dik ta' <u>ammenda</u> ta' euro 104.82) u għalhekk anke f'każ li dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax it-talba għal-liberatorja, il-piena komminata għandha tinbidel biex tirrifiletti l-piena maħsuba fil-liġi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Preliminarjament, jigi rilevat li l-kawza quddiem l-ewwel Qorti kienet wahda sommarja. Dan ifisser illi x-xhieda ta' dawk li xehedu ma gietx traskrittta u ghalhekk din il-Qorti kellha tisma x-xhieda mill-gdid.

Illi mill-provi oprodooti jirrizulta li fit-22 ta' April, 2014 ghal habta tal-21.45 is-Surgent PS419 Anton Buttigieg ghamel ispezzjoni fl-istabiliment hawn fuq indikat.

Illi waqt l-ispezzjoni l-appellant intalab mis-surgent jekk kellhux permess biex ipoggi l-bankijiet u siggiet fuq il-bankina. Ir-risposta kienet fin-negattiv.

Illi l-appellant hu akkuzat li hu ngombra l-bankina u li ma kellhux permess biex ikollu tlatt bankijiet barra l-istabiliment tieghu.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-appellant ingombra l-bankina u ghalhekk ma tistax tinsab htija fuq din l-akkuza.

Illi min-naha l-ohra, mill-provi prodotti jirrizulta li l-appellant ma kellu ebda permess biex ikollu l-imwejjed u is-siggiet barra l-istabiliment tieghu.

Illi hu car li l-appellant kiser ir-regolament 15(1) ta' l-Avviz Legali 128 ta' l-2002 (L.S. 409.08. Jirrizulta wkoll minn dan l-avviz legali li r-regoalment 23(3) jistipula li l-piena f'dawn il-kazijiet hi ta' multa ta' mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centesimu (€116.47). Ghalhekk, il-multa nflitta mill-ewwel Qorti mhiex fil-parametri tal-Ligi.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma s-sentenza appellata dwar il-htija tal-appellant fis-sens li ma sabitux hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu. Dwar l-ewwel akkuza din il-Qorti tikkonferma li ma sabitx lill-appellant hati li ngombra l-bankina. Issibu hati li ma kellhux permess biex izomm it-tlett bankijiet barra l-istabiliment. Thassr u tirrevoka l-piena nflitta mill-ewwel Qorti u minflok tikkundanna lill-appellant ghal hlas ta' multa ta' €116.47.